**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 333/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**
**vs**
**Charles Grima**

**Illum 8 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charles Grima ta' 39 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0475878M.

Akkuzat talli nhar l-1 t'Ottubru, 2016 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30 hrs) gewwa Triq Gianpula sitwata fil-limiti tar-Rabat (Malta);

1. Ta nar lill-vann tal-marka Bedford bin-numru tar-registrazzjoni CBB-332, liema vann huwa propjeta' tieghu u meta, filwaqt li ma kien hemm l-ebda persuna gewwa fih u meta din il-vettura kienet qieghda b'mod li ma setghetx tqabbad hruq f'bini iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt hruq, ikun hemm xi persuna hemm gewwa; u dan bi ksur ta' l-artikoli 318 u 324 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu

mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba titratta ma Charles Grima bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilhu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49 u 50 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 25 t'Ottubru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', il-fedina penali aggornata ta' l-imputat, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, il-process verbal immarkat bhala Dok NC1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu, izda ma ammettiex ghall-aggravju tar-recidiva.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-piena ghar-rigward l-akkuzi, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, cara u inekwivoka maghmula mill-imputat u li ghalhekk din il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin sabiex tigbor il-provi.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aggravju tar-recidiva l-Qorti ma tistax tikkunsidra lill-istess imputat recidiv u dan peress li l-Ufficcjal Prosekutur ma gab l-ebda prova ghar-rigward.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 318 u 324 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat hati skond l-ammissjoni tieghu stess, tapplika l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta u tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghal terminu ta' tlett snin.**

**Tordna lill-hati sabiex ihallas is-somma ta' disa' mija disgha u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu (€989.39) fi zmien sentejn li huma l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratu**